

Brussell, 17 ta' Marzu 2016
(OR. en)

7195/16

IND 55
COMER 28
STIS 2
WTO 64
COMPET 132
EMPL 101
ENER 90
ENV 171

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Marzu 2016
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2016) 115 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL dwar l-għoti ta' appoġġ ta' emerġenza fl-Unjoni

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2016) 115 final.

Mehmuż: COM(2016) 115 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.3.2016
COM(2016) 115 final

2016/0069 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar l-għoti ta' appoġġ ta' emerġenza fl-Unjoni

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- Ir-raġunijiet għall-proposta u l-oġġettivi tagħha**

L-influss kurrenti mhux mistenni u massiv ta' refuġjati u migranti fl-Ewropa ħoloq sitwazzjoni eċċezzjonali li biha għadd kbir ta' persuni jeħtieġ assistenza umanitarja urġenti, li tmur lil hinn mill-kapaċità organizzattiva tal-awtoritajiet ta' Stat Membru wieħed jew aktar. Il-Kunsill Ewropew tat-18 u d-19 ta' Frar 2016, sejjaħ għal azzjoni urġenti u proposti konkreti mill-Kummissjoni biex iddaħħal fis-seħħ il-kapaċità biex l-Unjoni tipprovdi assistenza umanitarja fl-UE abbażi tal-esperjenza tad-Dipartiment tal-Kummissjoni għall-Għajnuna Umanitarja u l-Protezzjoni Ċivili. Fid-dawl tal-ħtiġijiet immedjati li joħorġu mill-kriżi kurrenti tal-migranti u tar-refuġjati, din l-assistenza bħala prijorità se jkollha l-appoġġ tal-pajjiżi li qed jiffaċċaw għadd kbir ta' refuġjati u migranti iżda tista' tintuża wkoll għal kwalunkwe ħtiġijiet ta' emerġenza li jistgħu jinħolqu.

Il-kriżi tal-migranti u tar-refuġjati li qed taffettwa l-Unjoni hija eżempju notevoli ta' sitwazzjoni fejn, minkejja l-isforzi li saru mill-Unjoni biex tassisti l-pajjiżi primarjament ikkonċernati biex jindirizzaw il-kawżi primarji ta' tali ċirkostanzi ta' eċċezzjoni, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha kienu, min-naħa tagħhom, affettwati direttament.

Hija stampa impressjonanti tat-tip ta' impatt li l-kriżijiet u d-diżastri jista' jkollhom fuq l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha u l-ħtieġa li tirriżulta li dawn tal-aħħar ikunu f'pożizzjoni aħjar biex jirreaġixxu għalihom waqt li jikkunsidraw is-sitwazzjoni ekonomika prevalenti tal-Istat Membru kkonċernat kif ukoll l-impatt ekonomiku ta' dawn id-diżastri fuq l-Istati Membri.

L-impatt kemm tad-diżastri kkawżati mill-bniedem kif ukoll ta' dawk naturali fl-Unjoni huwa kull ma jmur aktar sever, marbut ma għad ta' fatturi, bħat-tibdil fil-klima, li għalihom jistgħu direttament u b'mod sever jikkontribwixxu fatturi esterni u ċirkostanzi li jiżviluppaw fil-viċinat tal-Unjoni u f'pajjiżi oħra fid-dinja. Diżastri kkawżati mill-bniedem u dawk naturali jistgħu jkunu ta' tali skala u impatt li jistgħu jwasslu għal diffikultajiet ekonomiċi severi fi Stat Membru wieħed jew aktar; dawn jistgħu jseħħu wkoll fi Stat Membru wieħed jew aktar li diġà qed jiffaċċa diffikultajiet ekonomiċi severi għal raġunijiet oħra, bir-riżultat li s-sitwazzjoni ekonomika kumplessiva tal-Istat Membru kkonċernat tiħrax u tkun aggravata ulterjorment. Fi kwalunkwe każ, il-kapaċità ta' reazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat tkun affettwata negattivament sabiex l-assistenza pprovduta lin-nies fil-bżonn tkun min-naħa tagħha impattata negattivament.

Id-dispożizzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) dwar l-għajnuna umanitarja (l-Artikolu 214) tista' biss tintuża biex ikunu adottati miżuri li jassistu lil persuni affettwati f'pajjiżi terzi. Għalhekk hemm bżonn li jkun iddeterminat jekk l-istrumenti eżistenti tal-Unjoni applikabbli fl-UE jippermettux li jkunu sodisfatti l-ħtiġijiet eċċezzjonali msemmiha hawn fuq, u jekk le, liema possibbiltà alternattiva hija disponibbli għal azzjoni mill-Unjoni.

Strument minnhom huwa l-mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM - Union Civil Protection Mechanism). Il-UCPM kien attivat għall-kriżi tar-refuġjati u tal-migrazzjoni. Madanakollu, minħabba li l-ħtiġijiet huma simili f'ħafna stati parteċipanti, l-offerti volontarji

ta' assistenza għat-talbiet tal-Greċja, tas-Slovenja u tal-Kroazja partikolarment baqgħu insuffiċjenti.

Għadd ta' strumenti oħra tal-UE, bħall-fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE), il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (FAMI), il-Fond għas-Sigurtà Interna (FSI) (fil-kuntest tal-kriżi tal-migrazzjoni) jew il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD) jistgħu jipprovdu riżorsi finanzjarji sinifikanti għall-assistenza fl-Ewropa, biex b'hekk jipprovdu solliet għall-Istati Membri. Madanakollu, dawn l-istrumenti mhumiex immirati speċifikament biex jindirizzaw ħtiġijiet umanitarji kbar. Partikolarment, dawn joqogħdu primarjament fuq kapaċitajiet amministrattivi u operazzjonali tal-gvernijiet, li jistgħu jkunu diġà taħt stress f'termini finanzjarji u ekonomiċi.

Huwa għalhekk xieraq għall-Unjoni, li taġixxi fi spirtu ta' solidarjetà, biex tindirizza l-ħtiġijiet bażiċi ta' persuni milquta minn diżastru fl-Unjoni waqt li timminimizza l-impatt ekonomiku fuq l-Istati Membri affettwati li jiffaċċaw diffikultajiet ekonomiċi severi. Bħala tali, il-provvediment ta' appoġġ ta' emerġenza ta' natura umanitarja fl-Unjoni huwa propost biex ikun ibbażat fuq l-Artikolu 122(1) TFUE.

- **Konsistenza ma' dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Preċedentement ma kien hemm l-ebda miżura adottata abbażi tal-Artikolu 122(1) TFUE li tindirizza l-istess ħtiġijiet sottostanti; għalhekk ma għandu jkun hemm l-ebda kwistjoni ta' konsistenza.

- **Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

Ir-Regolament huwa konsistenti ma' politiki oħrajn tal-Unjoni minħabba li jfittex li jikkomplimentahom u jissupplimentahom billi jindirizza l-ħtiġijiet li inkella kienu jibqgħu mhux sodisfatti fil-biċċa l-kbira tagħhom.

Aktar speċifikament, ir-Regolament huwa kompletament konsistenti u jfittex li jimmassimizza sinerġiji mad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM). Partikolarment, kwalunkwe azzjoni meħuda skont dan ir-Regolament jeħtieġ li tkun ikkordinata mill-qrib mal-attivitajiet tal-UCPM fejn dan tal-aħħar ikun ġie attivat biex jirreaġixxi għal diżastru kkawżat mill-bniedem jew naturali fl-UE. Dan huwa minnu wkoll għall-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE), il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (FAMI), il-Fond għas-Sigurtà Interna (FSI) jew il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD).

Ir-Regolament huwa konsistenti wkoll mal-politiki u mal-prinċipji li l-Unjoni tfittex li tissodisfa matul l-operazzjonijiet tagħha barra mill-Unjoni, fil-qasam tal-għajnuna umanitarja.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għal din il-proposta hija l-Artikolu 122(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- **Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

L-objettivi tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri meta jaġixxu waħedhom. Fil-każ ta' diżastru kkawżat mill-bniedem jew naturali b'impatti umanitarji wesgħin li jaffettwaw Stat Membru jew aktar, il-kapaċitajiet ta' reazzjoni ta' dan tal-aħħar tista' tkun meġhluha u jaf ma jkunx jista' jipprovdi reazzjoni suffiċjenti għall-bżonnijiet umanitarji. Tali assunzjoni hija saħansitra aktar b'saħħitha fejn l-imsemmija diżastri, li naturalment iwasslu għal konsegwenzi finanzjarji, iseħħu fl-Istati Membri li diġà qed jiffaċċaw diffikultajiet ekonomiċi severi. F'kull każ, jidher kemm xieraq kif ukoll neċessarju li l-Unjoni taġixxi fi spirtu ta' solidarjetà sabiex tappoġġa l-Istati Membri affettwati biex jindirizzaw kwalunkwe ħtiġijiet umanitarji neċessarji, u, simultanjament, inaqqsu l-impatti ekonomiċi fuqhom.

- Proporzjonalità

Il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-objettivi. Hija tindirizza lakuni li kienu identifikati matul il-kriżi attwali dwar il-migrazzjoni u r-refuġjati u tipponi soluzzjonijiet f'konformità mal-mandat mogħti mill-Kunsill Ewropew.

Il-piż amministrattiv għall-Unjoni u l-Istati Membri huwa limitat u ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkisbu l-objettivi tal-proposta.

- Għażla tal-istrument

Proposta għal Regolament tal-Kunsill

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Fid-dawl tal-urġenza umanitarja li tirriżulta mill-kriżi dwar il-migrazzjoni u r-refuġjati li tinsab għaddejja ma saret l-ebda konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.

Il-Kummissjoni bbażat il-proposta tagħha fuq dejta li ġiet fidejha matul il-kriżi msemmija aktar kmieni.

- **Ġbir u użu ta' għarfien espert**

Il-proposta hija bbażata fil-biċċa l-kbira tagħha fuq l-esperjenza tad-Dipartiment tal-Għajnuna Umanitarja u l-Protezzjoni Ċivili tal-Kummissjoni Ewropea.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Fid-dawl tal-urġenza umanitarja li tirriżulta mill-kriżi dwar il-migrazzjoni u r-refuġjati li tinsab għaddejja ma saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt.

Il-Kummissjoni bbażat il-proposta tagħha fuq dejta li ġiet fidejha matul il-kriżi msemmija aktar kmieni.

- **Drittijiet fundamentali**

Din il-proposta hija konformi bis-sħiħ mal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali; hija attwalment tfittex li tikkontribwixxi biex tappoġġa xi wħud minn dawk id-drittijiet, partikolarment id-dinjità tal-bniedem u d-dritt għall-ħajja u d-dritt għall-integrità tal-persuna

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Allokazzjoni ta' EUR 300 miljun tkun meħtieġa fl-2016 biex tappoġġa l-azzjonijiet tal-Istati Membri biex jindirizzaw il-ħtiġijiet umanitarji pendenti fl-Unjoni. Ħtiġijiet ulterjuri x'aktarx li jirriżultaw jekk il-flussi tal-migranti u tar-refuġjati jkomplu fil-livell kurrenti Il-ħtiġijiet għall-2017 u għall-2018 huma stmati għal EUR 200 miljun għal kull sena.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Azzjonijiet li jirċievu appoġġ finanzjarju skont dan ir-Regolament għandhom ikunu mmonitorjati regolarment sabiex tkun segwita l-implimentazzjoni tagħhom.

Tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tissottometti valutazzjoni tal-operat ta' dan ir-Regolament lill-Kunsill, flimkien ma' suġġerimenti għall-ġejjieni tar-Regolament u, kif meħtieġ, proposti ta' emendi għalih.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 jistipula l-għan u l-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-proposta, li hija intiża biex tistabbilixxi l-qafas li fih jista' jingħata appoġġ ta' emerġenza tal-Unjoni, fi spirtu ta' solidarjetà, f'każ ta' diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem fl-Unjoni fejn l-iskala u l-impatt eċċezzjonali tad-diżastru huma tali li jagħtu lok għal firxa wiesgħa ta' konsegwenzi umanitarji serji. Billi jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet bażiċi ta' persuni milquta minn diżastri fl-Unjoni, dan ir-Regolament għalhekk jikkontribwixxi biex jitnaqqas l-impatt ekonomiku fuq l-Istati Membri li jindirizzaw dawn il-ħtiġijiet.

L-Artikolu 2 jiddefinixxi liema azzjonijiet ikunu eliġibbli bħala appoġġ ta' emerġenza skont ir-Regolament propost. Essenzjalment, l-appoġġ ta' emerġenza li għandu jkun ipprovdut għandu jikkonsisti minn rispons ibbażat fuq il-ħtiġijiet, li jikkumplimentaw u jissupplimentaw ir-rispons tal-Istati Membri affettwati, immirat lejn il-preservazzjoni tal-ħajja, il-prevenzjoni u t-tnaqqis tas-sofferenza umana u ż-żamma tad-dinjità umana, li jieħu l-forma ta' kwalunkwe waħda mill-azzjonijiet li jistgħu jiġu pprovduti taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 dwar l-ġhajjuna umanitarja. Hija tiddefinixxi wkoll liema entitajiet jistgħu jiġu fdati bl-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet (fil-fatt il-Kummissjoni jew organizzazzjonijiet sħab, li jistgħu jkunu jew organizzazzjonijiet nongovernattivi, organizzazzjonijiet internazzjonali jew inkella s-servizzi speċjalizzati tal-Istati Membri sa fejn dawn għandhom esperjenza rilevanti biex jimplimentaw azzjonijiet ta' appoġġ taħt ir-Regolament propost).

L-Artikolu 3 jikkonċerna tipi ta' intervent finanzjarju skont ir-Regolament propost u l-proċeduri ta' implimentazzjoni li għandhom jintużaw għal dak l-għan. Skont il-bażi ġuridika użata għal din il-proposta, l-azzjoni prevista f'dan ir-Regolament tissodisfa b'mod partikolari

x-xewqa li tittieħed azzjoni fi spirtu ta' solidarjetà, b'tali mod li l-għoti ta' appoġġ ta' emerġenza tiegħu għandu jkun ffinanzjat mill-baġit ġenerali tal-Unjoni kif ukoll permezz ta' kontribuzzjonijiet li jistgħu jsiru minn donaturi oħrajn, pubbliċi jew privati, bħala dħul assenjat estern. Issir referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-UE sabiex ikunu definiti l-proċeduri ta' implimentazzjoni, li huma ġestjoni diretta u indiretta u b'hekk jippermettu li l-Kummissjoni tagħti kuntratti pubbliċi lil fornituri u lil daww li jipprovdu servizzi u għotjiet lill-organizzazzjonijiet nongovernattivi (NGOs) u lis-servizzi speċjalizzati tal-Istati Membri¹, u li tafda kompiti tal-implimentazzjoni tal-baġit lil organizzazzjonijiet internazzjonali.

L-Artikolu 3 ikompli jispeċifika li l-NGOs li magħhom il-Kummissjoni kkonkludiet ftehimiet qafas ta' sħubija skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 dwar l-għajnuna umanitarja huma meqjusa eliġibbli għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet fil-qafas tar-Regolament propost.

L-Artikolu 4 jiddefinixxi l-kostijiet eliġibbli għall-finanzjament tal-Unjoni skont ir-Regolament propost, li jistgħu jew ikunu direttament relatati mal-attivitajiet operazzjonali tal-azzjonijiet ta' appoġġ li għandhom ikunu implimentati skont ir-Regolament jew indirettament relatati magħhom meta dawn jikkonċernaw spejjeż ġenerali u kostijiet amministrattivi u manġerjali oħra tal-organizzazzjonijiet isħab. Il-finanzjament tal-Unjoni għandu jkun disponibbli wkoll għal spejjeż marbutin mal-attivitajiet ta' tħejjija, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditjar u ta' evalwazzjoni li huma meħtieġa għall-ġestjoni tal-appoġġ ipprovdut taħt ir-Regolament propost. Huwa jispeċifika wkoll ċerti modalitajiet għall-għoti tal-għotjiet (b'mod partikolari l-possibbiltà li jingħataw għotjiet b'effett retroattiv li jkopru sa 100 % tal-kostijiet eliġibbli).

L-Artikolu 5 jistabbilixxi l-prinċipju li għandu jkun imfittex li jinkisbu sinerġiji u kumplimentarjetà ma' strumenti oħra tal-Unjoni. Filwaqt li din id-dispożizzjoni hija ta' applikazzjoni ġenerali fir-rigward tal-istrumenti eżistenti kollha tal-Unjoni, ċertu numru ta' strumenti bħal dawn huma msemmija għal finijiet illustrattivi peress li huma partikolarment rilevanti fid-dawl tas-suġġett tagħhom meta mqabbel ma' dak tar-Regolament propost.

L-Artikolu 6 jistabbilixxi l-passi li għandhom jittieħdu sabiex tiġi żgurata protezzjoni adegwata tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni matul iċ-ċiklu tan-nefqa. Tali miżuri jinkludu l-prevenzjoni, l-individwazzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa ħażin jew użati skorrettament u, fejn xieraq, penali amministrattivi u finanzjarji f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

L-Artikolu 7 jeħtieġ li azzjonijiet li jirċievu appoġġ finanzjarju skont dan ir-Regolament għandhom ikunu mmonitorjati regolarment sabiex tkun segwita l-implimentazzjoni tagħhom; huwa jipprovdi wkoll għal evalwazzjoni dwar l-operat tar-Regolament propost li għandha titwettag wara tliet snin.

L-Artikolu 8 jiddetermina d-dħul fis-seħħ tar-Regolament, li għandu jseħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali minħabba l-urġenza tal-kwistjoni.

¹ Ara wkoll il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku b'rabta mal-kriżi attwali ta' asil (COM(2015) 454 final tad-9.9.2015).

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar l-għoti ta' appoġġ ta' emerġenza fl-Unjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 122(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta li saret mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Assistenza u appoġġ reċiproċi fil-kuntest ta' diżastri hija espressjoni fundamentali tal-valur universali ta' solidarjetà bejn in-nies u imperattiv morali minħabba li diżastri bħal dawn jistgħu jwasslu għal għadd sinifikanti ta' persuni li ma jkunux jistgħu jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi tagħhom bil-possibbiltà ta' effetti negattivi serji fuq il-ħajja u s-saħħa tagħhom.
- (2) L-impatt ta' diżastri kemm ikkawżati mill-bniedem kif ukoll daww naturali fl-Unjoni qiegħed isir dejjem aktar aħrax. Dan huwa marbut ma' għadd ta' fatturi, bħalma huma t-tibdil fil-klima, iżda wkoll fatturi oħra esterni li jikkontribwixxu u ċirkostanzi li qed jiżvolġu fil-viċinat tal-Unjoni. Is-sitwazzjoni tal-migranti u tar-refuġjati li qed taffettwa l-Unjoni bħalissa hija eżempju notevoli ta' sitwazzjoni fejn, minkejja l-isforzi li saru mill-Unjoni biex tindirizza l-kawżi primarji f'pajjiżi terzi, is-sitwazzjoni ekonomika tal-Istati Membri tista' tkun affettwata direttament. Din is-sitwazzjoni wasslet biex il-Kunsill Ewropew tad-19 ta' Frar 2016, jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi l-kapaċità li ttipprovi assistenza umanitarja internament, biex ikunu appoġġati pajjiżi li qed jiffaċċaw għadd kbir ta' refuġjati u migranti.
- (3) Diżastri kkawżati mill-bniedem u daww naturali jistgħu jkunu ta' tali skala u impatt li jistgħu jwasslu għal diffikultajiet ekonomiċi severi fi Stat Membru wieħed jew aktar; Jistgħu wkoll iseħħu fi Stat Membru jew f'diversi Stati Membri li diġà qegħdin jiffaċċjaw għawġ ekonomiku serju għal raġunijiet oħra, u dan iwassal biex jgħarraġ u jaggrava saħansitra ulterjorment il-qagħda ekonomika kumplessiva tal-Istat Membru kkonċernat. Fi kwalunkwe każ, il-kapaċità ta' reazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat tkun affettwata negattivament sabiex l-assistenza u l-appoġġ pprovduti lin-nies fil-bżonn ikunu min-naħa tagħhom affettwati negattivament.
- (4) Filwaqt li l-Unjoni diġà qiegħda f'pożizzjoni li tagħti appoġġ ta' natura makrofinanzjarja lill-Istati Membri, u li tesprimi solidarjetà Ewropea mar-regġuni milquta minn diżastri permezz tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE), bħalissa ma hemm l-ebda strument disponibbli fuq il-livell tal-Unjoni sabiex jindirizza l-ħtiġijiet umanitarji ta' nies milquta minn diżastri fl-Unjoni, bħal assistenza

alimentari, kura tas-saħħa ta' emerġenza, kenn, ilma, sanità u iġjene, protezzjoni u edukazzjoni, b'mod indipendenti u prevedibbli biżżejjed. L-assistenza reċiproka tista' tiġi offruta fl-ambitu tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili iżda l-operazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu hija bbażata fuq kontribuzzjonijiet volontarji mill-Istati Membri. Jista' jkun hemm ukoll assistenza u appoġġ provduti permezz ta' strumenti ta' politika u ta' finanzjament tal-Unjoni eżistenti, bħal dawk li jimmiraw lejn l-istabbiliment ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja fl-Unjoni. Kwalunkwe tali assistenza u appoġġ madankollu jkunu aċċessorji u aċċillari għall-kisba tal-oġġettivi ta' politika prinċipali tal-imsemmija strumenti u għalhekk ikunu limitati fl-iskop u fl-iskala. Għalhekk jidher li huwa xieraq għall-Unjoni li taġixxi fi spirtu ta' solidarjetà biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet bażiċi ta' persuni milquta minn diżastri fl-Unjoni u li tikkontribwixxi biex jitnaqqas l-impatt ekonomiku ta' dawn id-diżastri fuq l-Istati Membri kkonċernati.

- (5) Minħabba s-similitudnijiet fl-indirizzar tal-ħtiġijiet bażiċi ta' persuni milquta minn diżastri fl-Unjoni permezz tal-forniment ta' appoġġ ta' emerġenza u fil-provvediment ta' għajjuna umanitarja lill-persuni milquta minn diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem f'pajjiżi terzi, huwa xieraq li l-operazzjonijiet kollha f'dan ir-Regolament isiru b'mod konformi mal-prinċipji umanitarji miftiehma internazzjonalment. Dawn l-azzjonijiet jikkostitwixxu miżuri xierqa għas-sitwazzjoni ekonomika ta' dawk l-Istati Membri li qed jiffaċċjaw diffikultajiet.
- (6) Minħabba l-bżonn li taġixxi fi spirtu ta' solidarjetà, il-provvediment ta' appoġġ ta' emerġenza skont dan ir-Regolament għandu jkun ffinanzjat mill-baġit ġenerali tal-Unjoni kif ukoll permezz ta' kontribuzzjonijiet li jistgħu jsiru minn donaturi oħrajn, pubbliċi jew privati.
- (7) Ir-rimborż ta' spejjeż u l-ġhoti ta' kuntratti ta' akkwist pubbliku u ta' għotjiet taħt dan ir-Regolament għandu jiġi implimentat skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² waqt li tkun ikkunsidrata n-natura speċifika tal-appoġġ ta' emerġenza. Għalhekk huwa xieraq li jiġi stipulat li għotjiet u kuntratti ta' akkwist pubbliku jistgħu jingħataw direttament jew indirettament u l-għotjiet jistgħu jiffinanzjaw sa 100 % tal-kostijiet eliġibbli u jingħataw b'effett retroattiv. Il-Kummissjoni għandha tkun tista' tiffinanzja operazzjonijiet ta' appoġġ ta' emerġenza ta' kwalunkwe organizzazzjoni li, indipendentement min-natura legali tagħha, privata jew pubblika, ikollha l-esperjenza meħtieġa u tuża għal dak l-għan ġestjoni diretta jew indiretta, kif xieraq.
- (8) Huwa xieraq ukoll li jserraħ fuq organizzazzjonijiet li magħhom il-Kummissjoni kkonkludiet ftehimiet qafas ta' sħubija skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96³, fid-dawl tar-rilevanza tal-esperjenza miksuba minn dawk l-organizzazzjonijiet fil-provvediment ta' għajjuna umanitarja f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni.
- (9) L-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati matul iċ-ċiklu kollu tan-nefqa, inklużi l-prevenzjoni, l-individwazzjoni u

² Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 rigward l-għajjuna umanitarja (ĠU L 163, 2.7.1996, p. 1).

l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa ħażin jew użati skorrettament u, fejn xieraq, penali amministrattivi u finanzjarji f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

- (10) Dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi l-bażi għall-għoti ta' appoġġ finanzjarju f'każ ta' diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem li fir-rigward tagħhom, fi spirtu ta' solidarjetà, l-Unjoni tkun f'pożizzjoni aħjar mill-Istati Membri, li jaġixxu waħedhom u b'mod mhux koordinat, li timmobilizza livelli adegwati ta' finanzjament u tużahom biex timplimenta operazzjonijiet li min-natura tagħhom jistgħu potenzjalment isalvaw il-ħajja b'mod ekonomiku, effiċjenti u effettivi, li b'hekk jippermettu azzjoni aktar effikaċi minħabba l-iskala u l-kumplimentarjetà tiegħu.
- (11) Billi l-oġettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-oġettivi.
- (12) Huwa xieraq li l-għoti ta' appoġġ ta' emerġenza skont dan ir-Regolament jiġi mmonitorjat sew, waqt li jserraħ, fejn ikun meħtieġ, fuq l-aktar għarfien espert rilevanti disponibbli fil-livell tal-Unjoni. Huwa wkoll xieraq li l-implimentazzjoni kumplessiva ta' dan ir-Regolament tiġi evalwata.
- (13) Minħabba l-urġenza tal-appoġġ meħtieġ, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-qafas li fih jista' jingħata appoġġ ta' emerġenza tal-Unjoni f'każ ta' diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem li jkunu qed iseħħu fl-Unjoni fejn l-iskala u l-impatt ta' eċċezzjoni tad-diżastru huma tali li jaġhtu lok għal firxa wiesgħa ta' konsegwenzi umanitarji serji.

Artikolu 2

Azzjonijiet eliġibbli

1. L-appoġġ ta' emerġenza skont dan ir-Regolament għandu jipprovdi rispons ta' emerġenza bbażat fuq il-ħtiġijiet, li jikkomplementa r-rispons tal-Istati Membri affettwati, immirat lejn il-preservazzjoni tal-ħajja, il-prevenzjoni u t-tnaqqis tas-sofferenza umana u ż-żamma tad-dinjità umana fejn ikun meħtieġ minħabba d-diżastri msemmija fl-Artikolu 1.
2. Ir-rispons ta' emerġenza jista' jinkludi kwalunkwe azzjoni ta' għajjuna umanitarja li tkun eliġibbli għall-finanzjament tal-Unjoni skont l-Artikoli 2, 3 u 4 tar-Regolament

(KE) Nru 1257/96 u konsegwentement jista' jinkludi assistenza, sokkors u, jekk ikun hemm bżonn, operazzjonijiet ta' protezzjoni biex tiġi salvata u ppreżervata l-ħajja f' dżastri jew immedjatament warajhom. Dan jista' jintuża wkoll biex jiffinanzja kull nefqa oħra relatata direttament mal-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet ta' appoġġ ta' emerġenza.

3. L-appoġġ ta' emerġenza skont dan ir-Regolament għandu jingħata u jkun implimentat f'konformità mal-prinċipji umanitarji fundamentali tal-umanità, in-newtralità, l-imparzjalità u l-indipendenza.
4. L-azzjonijiet dikjarati fil-paragrafu 2 għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni jew permezz ta' organizzazzjonijiet sħab magħżula mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tista' tagħżel notevolment bħala organizzazzjoni sħab, organizzazzjonijiet nongovernattivi, servizzi speċjalizzati tal-Istati Membri jew aġenziji u organizzazzjonijiet internazzjonali li jkollhom il-kompetenza esperta mitluba.

Artikolu 3

Tipi ta' intervent finanzjarju u proċeduri implimentattivi

1. Il-Kummissjoni għandha timplimenta l-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012. B'mod partikolari, finanzjament mill-Unjoni għal azzjonijiet ta' appoġġ taħt dan ir-Regolament għandu jkun implimentat permezz ta' ġestjoni diretta jew indiretta skont il-punti (a) u (c) rispettivament tal-Artikolu 58(1) ta' dan ir-Regolament.
2. L-appoġġ ta' emerġenza skont dan ir-Regolament għandu jkun iffinanzjat mill-baġit ġenerali tal-Unjoni u mill-kontribuzzjonijiet li jistgħu jsiru minn donaturi oħra pubbliċi jew privati bħala dħul assenjat estern f'konformità mal-Artikolu 21(4) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.
3. Il-finanzjament tal-Unjoni għall-appoġġ ta' azzjonijiet skont dan ir-Regolament li għandu jiġi implimentat permezz ta' ġestjoni diretta jista' jingħata direttament mill-Kummissjoni mingħajr sejħa għal proposti f'konformità mal-Artikolu 128(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012. Għal dan l-għan il-Kummissjoni tista' tidħol fi ftehimiet qafas ta' sħubija jew isserraħ fuq ftehimiet qafas ta' sħubija konklużi skont ir-Regolament (KE) Nru 1257/96.
4. Fejn il-Kummissjoni timplimenta operazzjonijiet ta' appoġġ ta' emerġenza permezz ta' organizzazzjonijiet nongovernattivi, il-kriterji li jikkonċernaw il-kapaċità finanzjarja u operazzjonali għandhom jitqiesu li huma sodisfatti meta jkun hemm fis-seħħ ftehim qafas ta' sħubija bejn l-organizzazzjoni u l-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1257/96.

Artikolu 4

Kostijiet eliġibbli

1. Il-finanzjament mill-Unjoni jista' jkopri kwalunkwe kost dirett meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2, inkluż ix-xiri, il-

preparazzjoni, il-ġbir, it-trasport, il-ħażna u d-distribuzzjoni ta' prodotti u servizzi taħt dawn l-azzjonijiet.

2. Il-kostijiet indiretti tal-organizzazzjonijiet sħab jistgħu jkunu koperti wkoll skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.
3. Il-finanzjament tal-Unjoni jista' jkopri wkoll spejjeż marbutin mal-attivitajiet ta' thejjiġa, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditjar u ta' evalwazzjoni li huma meħtieġa għall-ġestjoni tal-appoġġ li għandu jingħata skont dan ir-Regolament.
4. Il-finanzjament tal-Unjoni għall-appoġġ ta' azzjonijiet skont dan ir-Regolament jista' jkopri sa 100 % tal-kostijiet eliġibbli.
5. In-nefqa mġarrba minn organizzazzjoni sħab qabel id-data ta' sottomissjoni ta' applikazzjoni għal finanzjament tista' tkun eliġibbli għal finanzjament mill-Unjoni.

Artikolu 5

Kumplimentarjetà u konsistenza tal-azzjoni tal-Unjoni

Għandhom jiġu mfittxija sinerġiji u kumplimentarjetà ma' strumenti oħra tal-Unjoni, b'mod partikulari fir-rigward ta' dawk l-istrumenti li għalihom tista' tkun offruta xi forma ta' assistenza ta' emerġenza jew ta' appoġġ, bħar-Regolament (UE) Nru 661/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, id-Deċiżjoni 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵, ir-Regolament (KE) Nru 1257/96, ir-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶, ir-Regolament (UE) Nru 513/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷, ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸, ir-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹ u r-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰.

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 661/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea.

⁵ Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

⁶ Ir-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (ĠU L 72, 12.3.2014, p. 1).

⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 513/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tar-riskji u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/125/JHA (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 93).

⁸ Ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tal-kriżijiet (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 112).

⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 143).

¹⁰ Ir-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/381/KE u li tħassar id-Deċiżjonijiet Nru 573/2007/KE u Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/435/KE (ĠU L 150, 2.5.2014, p. 168).

Artikolu 6

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-miżuri xierqa biex tiżgura li, meta jiġu implimentati azzjonijiet finanzjati skont dan ir-Regolament, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkunu mħarsa bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra u, jekk jiġu identifikati irregolaritajiet, permezz tal-irkupru tal-ammonti mħallsa skorrettament u, fejn adatt, permezz ta' penali amministrattivi u finanzjarji proporzjonati u dissuażivi.
2. Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri għandu jkollhom is-setgħa tal-awditjar, abbażi ta' dokumenti u fuq il-post, fuq il-benefiċjarji kollha tal-għajjnuna finanzjarja, il-kuntratturi u s-sottokuntratturi kollha, li rċevew fondi tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament.
3. L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inklużi verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, f'konformità mad-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013¹¹ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96¹², bil-ħsieb li jiġi stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' ftehim dwar għotja jew deċiżjoni dwar għotja jew kuntratt iffinanzjat taħt dan ir-Regolament.
4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1, 2 u 3, kuntratti u ftehimiet ta' għotja u kif ukoll ftehimiet ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u servizzi speċjalizzati tal-Istati Membri li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament ikun fihom dispożizzjonijiet li b'mod espliċitu jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-OLAF biex jagħmlu dawn il-verifiki u investigazzjonijiet, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom.

Artikolu 7

Monitoraġġ u evalwazzjoni

1. Azzjonijiet li jirċievu appoġġ finanzjarju skont dan ir-Regolament ikunu mmonitorjati regolarment.
2. Tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tissottometti valutazzjoni tal-operat ta' dan ir-Regolament lill-Kunsill, flimkien ma' suġġerimenti għall-ġejjieni ta' dan ir-Regolament u, fejn xieraq, proposti ta' emendi għalih.

¹¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxi mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

¹² Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex ttiproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

Artikolu 8

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-għoti ta' **Appoġġ ta' emerġenza fl-Unjoni**

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB¹³

ĠODDA: 23 05 Appoġġ ta' Emerġenza fl-Unjoni

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

X Il-proposta/inizjattiva tirrigwarda **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja¹⁴**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata mal-estensjoni ta' **azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

1.4. Obiettivi(i)

1.4.1. *L-obiettiv(i) strateġiku/strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva*

L-obiettiv ta' dan ir-Regolament tal-Kunsill hu li jistabbilixxi miżuri biex jirrispondu għal bżonnijiet umanitarji urġenti u eċċezzjonali esperjenzati fl-Istati Membri bħala riżultat ta' diżastru jew avvenimenti mhux mistennija bħall-influss għal għarrieda u massiv ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi lejn it-territorju tagħhom.

1.4.2. *Obiettiv(i) speċifiku/speċifiċi u attività/ajiet ABM/ABB ikkonċernata/i*

Obiettiv speċifiku Nru 1

Li jkun provdut appoġġ ta' emerġenza fl-Unjoni biex jiġu indirizzati l-bżonnijiet umanitarji urġenti fil-forma ta' assistenza, sokkors u, jekk ikun hemm bżonn, operazzjonijiet biex tkun salvata u ppreservata l-ħajja fid-diżastri jew immedjatament warajhom.

Li jitwettqu azzjonijiet immirati lejn l-iffaċilitar jew l-akkwist ta' aċċess għal nies b'tali hteġa u l-fluss liberu ta' assistenza.

L-attività/ajiet tal-ABM/ABB ikkonċernata/i

¹³ ABM: immaniġġjar ibbażat fuq l-attività; ABB: ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività.

¹⁴ Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.4.3. *Riżultat(i) u impatt(i) mistennija*

Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.

Il-proposta se tippermetti lill-Unjoni Ewropea biex, fit-territorju tagħha, tindirizza bżonnijiet umanitarji urġenti tal-persuni bħala konsegwenza ta' kriżijiet, permezz tal-ġħoti ta' appoġġ ta' emerġenza f'konformità mal-prinċipji umanitarji fundamentali tal-umanità, in-newtralità, l-imparzjalità u l-indipendenza.

1.4.4. *Indikaturi tar-riżultati u tal-impatt*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

L-ġħadd ta' persuni li jibbenefikaw minn appoġġ ta' emerġenza fl-Unjoni Ewropea [f'valur assolut jew bħala perċentwali tat-total ta' dawk li jeħtieġu assistenza], għal kull kriżi individwali.

1.5. **Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva:**

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq medda qasira jew medda twila ta' żmien*

Din il-proposta għal Regolament tal-Kunsill għandha l-ġħan li tikkomplimenta strumenti eżistenti tal-Unjoni u bażijiet ġuridiċi, u partikolarment tipprovdi b'mod aktar immirat, appoġġ ta' emerġenza lil nies fi ħdan l-Unjoni biex jiġu indirizzati l-bżonnijiet umanitarji urġenti b'konsegwenza ta' kriżi fi Stat Membru wieħed jew aktar.

L-ġħoti ta' appoġġ ta' emerġenza fl-Unjoni Ewropea jista' jkun meħtieġ fil-kuntest ta' diżastri fejn l-iskala u l-impatt eċċezzjonali huma tali li jagħtu lok għal konsegwenzi umanitarji serji u mifruxa.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

L-oġġettivi ta' din id-Direttiva ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, permezz tal-adozzjoni ta' miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Il-valur miżjud tal-UE jiġi, *inter alia*, fil-forma ta':

- tnaqqis tat-telf ta' ħajja umana u tad-danni ambjentali, ekonomiċi u materjali.
- assistenza immedjata lil persuni fl-Unjoni Ewropea bħala konsegwenza ta' diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem.
- rispons aktar effikaċi u rapidu għat-talbiet ta' ġħajnuna fl-Unjoni, permezz ta' organizzazzjonijiet nongovernattivi u internazzjonali, jew servizzi speċjalizzati tal-Istati Membri magħżula mill-Kummissjoni.
- viżibilità aħjar tar-reazzjoni tal-UE għall-kriżijiet.

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

L-esperjenza reċenti waqt il-kriżi tal-migrazzjoni u r-refuġjati turi li jeżisti vojt fis-sett attwali ta' strumenti finanzjarji/legali, li mhuwiex biżżejjed u jeħtieġ li jkun ikkumplementat biex jindirizza b'mod aktar immirat bżonnijiet umanitarji urġenti fl-Unjoni Ewropea. L-istrument propost huwa meħtieġ fid-dawl tal-kriżi attwali tal-migrazzjoni u tar-refuġjati u għal kriżijiet futuri oħra ta' natura simili.

1.5.4. *Il-kompatibbiltà u s-sinerġija possibbli ma' strumenti oħra xierqa*

Għadd ta' strumenti tal-UE, bħall-fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (FAMI), il-Fond għas-Sigurtà Interna (FSI) jew il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD), f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, jistgħu jipprovdu riżorsi finanzjarji sinifikanti għall-assistenza fl-Ewropa, biex b'hekk jipprovdu solliev għall-Istati Membri. Dawn l-istrumenti jistgħu jipprovdu assistenza ta' emerġenza f'forma ta' għotjiet għal, fost oħrajn kenn u skopijiet ta' akkomodazzjoni kif ukoll għal oġġetti ewlenin ta' solliev. Madanakollu, huma mhumix immirati speċifikament biex jindirizzaw ħtiġijiet umanitarji kbar. Partikolarment, huma primarjament joqogħdu fuq kapaċitajiet amministrattivi u operazzjonali tal-gvernijiet, li jistgħu jkunu diġà taħt stress f'termini finanzjarji u ekonomiċi.

Huwa għalhekk xieraq li jkun stabbilit strument iddedikat bl-għan li jindirizza l-ħtiġijiet umanitarji bażiċi ta' persuni milquta minn diżastru fl-Unjoni waqt li jimminimizza l-impatt ekonomiku fuq l-Istati Membri affettwati li jiffaċċaw diffikultajiet ekonomiċi severi.

Se jiġu żgurati sinerġiji u kumplementaritajiet mal-istrumenti msemmijin hawn fuq, kif ukoll mal-FEŻR u mal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili.

Il-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-proposta jmur lil hinn mill-kriżi attwali tal-migrazzjoni.

1.6. Durata u impatt finanzjarju

☐ Proposta/inizjattiva ta' durata limitata

– ☐ ☐ Proposta/inizjattiva fis-seħħ minn

– ☐ ☐ Impatt finanzjarju mill-SSSS sal- SSSS

X Proposta/inizjattiva ta' **durata mhux limitata**

– **X** Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu minn [data tad-dħul fis-seħħ]/2016

– **X** Bi klawżola ta' evalwazzjoni wara 3 snin.

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)¹⁵

X Ġestjoni Diretta mill-Kummissjoni

– **X** mid-dipartimenti tagħha;

– ☐ ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

X Ġestjoni indiretta billi l-kompiti tal-implimentazzjoni baġitarja jiġu ddelegati lil:

– **X** organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (l-entitajiet tan-NU, l-ICRC, l-IFRC, l-IOM);

– ☐ il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investment;

– ☐ korpi li hemm referenza għalihom fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;

– **X** korpi tal-liġi pubblika;

– **X** korpi rregolati mil-liġi privata li l-missjoni tas-servizz pubbliku tagħhom tkun li huma jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it- Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk ikun indikat aktar minn mod wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok agħti d-dettalji fit-taqsimha "Kummenti".*

Kummenti

Mhux applikabbli

¹⁵ Id-dettalji dwar il-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit tal-BudgWeb:

<https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx>

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Azzjonijiet li jirċievu assistenza finanzjarja mill-Kummissjoni għandhom jiġu mmonitorjati regolarment.

Il-Kummissjoni għandha tipprepara u tippreżenta lill-Kunsill:

- rapport ta' evalwazzjoni 3 snin wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament;

Ir-rapportar huwa wkoll żgurat permezz ta' saffi differenti bħal, pereżempju, ir-Rapport Annwali tal-Attività (inkluża Dikjarazzjoni annwali ta' Assigurazzjoni), ir-rapport annwali ta' evalwazzjoni u r-rilaxx tar-rapporti ta' evalwazzjoni individwali kollha, ir-rapport annwali dwar l-Awditjar.

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.2.1. Riskju(i) identifikat(i)

Ir-riskji jistgħu jkunu marbuta mal-implimentazzjoni adegwata tas-sistema ta' kontroll intern imwaqqfa kif deskritt f' 2.2.2.

2.2.2. Informazzjoni li tikkonċerna s-sistema ta' kontroll intern stabbilita.

Għal-leġislazzjoni kurrenti, is-sistema ta' kontroll intern eżistenti hija prevista li tiġi użata biex tiggarantixxi li fondi disponibbli taħt l-azzjoni l-għdida jintużaw sewwa u skont il-leġislazzjoni xierqa

Is-sistema hija mwaqqfa kif ġej:

1. Sistema ta' kontroll intern fi ħdan id-DĠ ECHO, iffukata fuq il-konformità ma' proċeduri amministrattivi validi u mal-leġislazzjoni fis-seħħ fil-qasam tal-protezzjoni ċivili. L-istandards tal-kontroll interni jintużaw għal dan l-għan. Il-monitoraġġ huwa kostanti b'segwitu tal-proġetti, għażla u evalwazzjoni ta' sħab, reviżjoni ta' sħab, evalwazzjonijiet tal-konformità u rappurtar regolari. Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu annwali hija żgurata wkoll biex tkun identifikata kwalunkwe diskrepanza mal-mira u kwalunkwe bidla potenzjali mal-programm ta' ħidma annwali. Sistemi orjentati lejn l-eżiti huma diġà fis-seħħ biex jiġi żgurat monitoraġġ u rappurtar dwar i) l-implimentazzjoni tal-qafas għall-prevenzjoni tad-diżastri ii) il-livell ta' tħejjija għad-diżastri iii) il-ħeffa, il-grad u l-adegwatezza ta' intervent.

2. awditjar ta' għotjiet u kuntratti mogħtija taħt l-Istrument mill-awdituri tad-DĠ ECHO

3. Evalwazzjoni tal-attivitajiet minn esperti esterni. evalwazzjoni *ex post* tal-istrumenti legali tal-Protezzjoni Ċivili

L-azzjonijiet jistgħu wkoll jiġu vverifikati minn entitajiet esterni: l-OLAF għall-każijiet ta' frodi u l-Qorti tal-Awdituri.

2.2.3. *Stima tal-kostijiet u tal-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livell tar-riskju ta' erruri mistenni*

Il-kost stmat tal-istrateġija ta' kontroll tal-ECHO jirrappreżenta 2,7 % tal-baġit tal-ECHO għall-2015. L-elementi prinċipali ta' dan l-indikatur huma:

- It-total tal-kostijiet tal-persunal tal-esperti tal-ECHO f'dan il-qasam, flimkien ma' dawk tal-unitajiet finanzjarji u operazzjonali mmultiplikat bit-tul ta' ħin stmat (50 %) iddedikat għall-attivitajiet ta' assigurazzjoni tal-kwalità, kontroll u monitoraġġ;

- ir-riżorsi totali fis-settur tal-awditjar estern tal-ECHO ddedikati għall-awditi u l-verifiki

Meta jitqies il-kost limitat ħafna ta' tali kontrolli flimkien mal-benefiċċji kwantifikabbli (korrezzjonijiet u rkupri) u mhux kwantifikabbli (effett ta' deterrent u l-effett ta' assigurazzjoni tal-kwalità tal-kontrolli) marbuta magħhom, il-Kummissjoni tista' tikkonkludi li **l-benefiċċji kwantifikabbli u mhux kwantifikabbli li jirriżultaw mill-kontrolli jisbqu l-kost limitat tagħhom.**

Dan huwa kkonfermat mir-rata pluriennali ta' erruri residwi ta' **1,33 %** irrappurtata mill-Kummissjoni għad-dipartiment tagħha għall-ghajjnuna umanitarja u l-protezzjoni ċivili (NB: Abbozz tar-RAA 2015).

2.3. **Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet**

Strateġija kontra l-frodi nħarġet kif previst fl-2013 fil-pjan ġenerali ta' strateġija tal-UE kontra l-frodi, u bħalissa qed tkun rieżaminata (NB: ir-reviżjoni hija prevista kull sentejn).

L-istrateġija sserraħ fuq sensiela ta' kontrolli mmirati lejn il-prevenzjoni u l-kxif ta' frodi. Essenzjalment dawn huma inkorporati f'dawk il-miżuri intenzjonati biex jiżguraw il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet. Pereżempju, valutazzjoni tal-approċċ tas-sħab tal-ECHO lejn il-prevenzjoni u d-detezzjoni tal-frodi hija parti mill-programm ta' awditjar segwit fl-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-awditjar.

L-istrateġija kontra l-frodi tistabbilixxi objettivi u l-pjan ta' azzjoni korrispondenti bl-għan li ssaħħaħ l-abbiltà tal-arkitettura ta' kontroll attwali biex tiġi pprevenuta u detetta l-frodi, prinċipalment f'dak li jirrigwarda: - sensibilizzazzjoni kemm internament u wkoll ma' atturi esterni; ir-rinfurzar ta' kontrolli bbażati fuq ir-riskju; - il-kooperazzjoni msaħħa mal-sħab; - il-ġestjoni tar-riskju tad-devjazzjoni ta' ghajjnuna; - u, il-bini ta' kapaċità permezz ta' taħriġ u gwida. L-azzjonijiet meħuda kienu jinkludu l-għoti ta' sessjonijiet ta' taħriġ għall-persunal fil-Kwartieri Ġenerali

u fuq il-post immirati għas-sensibilizzazzjoni u l-bini ta' kapaċità. Bl-istess mod, is-sensibilizzazzjoni dwar il-frodi ġiet inkluża fit-taħriġ li jingħata b'mod regolari minn ECHO lis-sħab tagħha.

3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/TAL- INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Il-linji baġitarji eżistenti

Skont l-intestaturi u l-linji baġitarji tal-qafas finanzjarju pluriennali.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Intestatura 3 - SIGURTÀ U ĊITTADINANZA	Diff./Mhux-diff ¹⁶	mill-pajjiżi tal-EFTA ¹⁷	mill-pajjiżi kandidati ¹⁸	minn pajjiżi terzi	fis-sens tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
3	23 05 01 Appoġġ ta' Emerġenza fl-Unjoni	Diff	LE	LE	LE	LE
3	23 01 04 03 Appoġġ ta' Emerġenza fl-Unjoni - nefqa ta' appoġġ	Diff	LE	LE	LE	LE

¹⁶ Diff. = Approprijazzjonijiet differenzjati / Mhux Diff. = Approprijazzjonijiet mhux differenzjati.

¹⁷ EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

¹⁸ Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru	Intestatura 3 Sigurtà u ċittadinanza
---	-------	--------------------------------------

			2016	2017	2018	2019	2020 u s-snin ta' wara	TOTAL
• Approprijazzjonijiet operazzjonali								
23 05 01 Appoġġ ta' Emerġenza fl-Unjoni	Impenji	(1)	297	198	198	p.m.	p.m.	693
	Pagamenti	(2)	238	217	198	40	p.m.	693
23 01 04 03 Appoġġ ta' Emerġenza fl-Unjoni – Nefqa ta' appoġġ ¹⁹		(3)	3	2	2	p.m.	p.m.	7
TOTAL tal-approprijazzjonijiet	Impenji	=1+3	300	200	200	p.m.	p.m.	700
	Pagamenti	=2+3	241	219	200	40	p.m.	700

• TOTAL tal-approprijazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	297	198	198	p.m.	p.m.	693
	Pagamenti	(5)	238	217	198	40	p.m.	693

¹⁹ Assistenza u nefqa teknika u/jew amministrattiva b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

• TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)	3	2	2	p.m.	p.m.	7
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURA 3 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+ 6	300	200	200	p.m.	p.m.	700
	Pagamenti	=5+ 6	241	219	200	40	p.m.	700

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	5	"Nefqa amministrattiva"
--	----------	-------------------------

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

		2016	2017	2018	2019	2020 u s-snin ta' wara	TOTAL
• Riżorsi umani ²⁰		2.020	3.030	3.030	p.m.	p.m.	8.080
• Nefqa amministrattiva oħra		0.17	0.20	0.20	p.m.	p.m.	0.57
TOTAL	Approprijazzjonijiet	2.190	3.230	3.230	p.m.	p.m.	8.650

TOTAL tal-approprijazzjonijiet skont l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Impenji totali = Pagamenti totali)	2.190	3.230	3.230	p.m.	p.m.	8.650
---	-------------------------------------	-------	-------	-------	------	------	--------------

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

		2016	2017	2018	2019	2020 u s-snin ta' wara	TOTAL
TOTAL tal-approprijazzjonijiet skont l-INTESTATURI minn 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	302.190	230.230	230.230	p.m.	p.m.	708.650
	Pagamenti	243.190	222.230	203.230	40	p.m.	708.650

²⁰ 2016: 25 b'kollox (16AD, 4AST, 5CA) għal Mejju-Diċembru. 2017 u 2018: 25 b'kollox kull sena (16AD, 4AST, 5CA)

3.2.2. L-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali

- ☐ Il-proposta/inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali
- ☒ Il-proposta/inizjattiva tirrikjedi l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali
- [It-tabella ta' hawn taħt mhix applikabbli. Minħabba d-diversità u l-kumplessità tal-operazzjonijiet li jistgħu jiġu ffinanzjati permezz ta' dan l-istrument il-ġdid propost, li huma wkoll imprevedibbli fin-natura tagħhom, ma huwiex possibbli li jelenka – *ex ante* – sett ta' eżiti, it-tipi u l-kostijiet medji realistiċi.]

Appropriazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' Euro (sa tliet punti deċimali)

Indika l-objettivi u l-eżitu ↓			2016		2017		2018		2019		2020		TOTAL	
	Tip ²¹	Kost medju	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Nru totali	Kost totali
OBJETTIV SPEĊIFIKU NRU 1 ²² ...														
- Output														
- Output														
- Output														
Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 1														
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ...														
- Output														

²¹ L-eżiti huma prodotti u servizzi li għandhom jiġu pprovduti (pereż.: l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).

²² Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/ speċifiċi ...".

Subtotal għall-oġġettiv speċifiku Nru 2												
KOST TOTALI												

3.2.3. L-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1. Sommarju

- ☐ Il-proposta/inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

	2016 ²³	2017	2018	2019 u s-snin ta' wara	TOTAL
--	--------------------	------	------	------------------------	-------

INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali					
Riżorsi umani	2.020	3.030	3.030	p.m.	8.080
Infqg amministrattivi ieħor	0.170	0.200	0.200	p.m.	0.570
Subtotal tal-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	2.190	3.230	3.230	p.m.	8.620

INTESTATURA 3²⁴ tal-qafas finanzjarju pluriennali					
Riżorsi umani					
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	3	2	2	p.m.	7
Subtotal INTESTATURA 3 tal-qafas finanzjarju pluriennali	3	2	2	p.m.	7

TOTAL	5.190	5.230	5.230	p.m.	15.620
--------------	--------------	--------------	--------------	-------------	---------------

²³

Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

²⁴

Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u spejjeż oħrajn ta' natura amministrattiva se jiġu ssodisfati minn appropriazzjonijiet mid-DĠ li diġà huma assenjati lill-immaniġġjar tal-azzjoni u/jew kienu riallokati fi ħdan id-DĠ, flimkien, jekk neċessarju, ma' xi allokkazzjoni addizzjonali li tista' tkun mogħtija lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura ta' allokkazzjoni annwali u fid-dawl tal-limitazzjonijiet tal-baġit.

3.2.3.2. Stima tar-riżorsi umani meħtieġa

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.
- ☒ (Il-proposta/l-inizjattiva jenħtiġilha l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

	2016	2017	2018	2019	2020
•Karigi fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u persunal temporanju)					
23 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	20	20	20	p.m.	p.m.
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)					
XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)					
10 01 05 01 (Riċerka diretta)					
•Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għal Full-Time: FTE)²⁵					
XX 01 02 01 (AC, END, INT mill-"envelop globali")	5	5	5	p.m.	p.m.
XX 01 02 02 (AC, AL, END, INT u JED fid-delegazzjonijiet)					
XX 01 04 ss²⁶	- fil-Kwartieri Ġenerali				
	- fid-Delegazzjonijiet				
XX 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta)					
10 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka diretta)					
Linji baġitarji oħrajn (speċifika)					
TOTAL	25	25	25	p.m.	p.m.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jintlaħqu mill-uffiċjali tad-DĠ li huma diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà ngħataw kariga band'oħra fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' xi allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ li jkun qed imexxi l-azzjoni skont il-proċedura ta' allokkazzjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	L-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-ħtiġijiet, l-iżvilupp ta' speċifikazzjonijiet tekniċi għal kapaċitajiet essenzjali, analiżi ta' proposti ta' finanzjament, il-monitoraġġ tal-proġetti, il-koordinazzjoni ma' sħab umanitarji ta' implimentazzjoni, il-koordinazzjoni operazzjonali matul emerġenzi, eċċ.
Persunal estern	Jappoġġaw l-attivitajiet imsemmija hawn fuq

²⁵ AC = Aġenti Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END= Espert Nazzjonali Sekondar; INT = Persunal tal-Aġenzija; JED = Esperti Żgħażaġħ f'Delegazzjonijiet.

²⁶ Sublimitu massimu, għall-persunal estern kopert mill-appropriazzjonijiet operazzjonali (dawk li kienu linji "BA").

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali, iżda tista' tinvolvi l-użu ta' strumenti speċjali kif definit fir-Regolament tal-QFP.
- ☐ Il-proposta/inizjattiva se teħtieġ programmar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

L-inizjattiva teħtieġ finanzjament ta' madwar EUR 700 miljun fuq tliet snin: EUR 300 miljun fl-2016, EUR 200 miljun fl-2017, EUR 200 miljun fl-2018, għall-appoġġ ta' emerġenza fl-Unjoni Ewropea.

Kapitolu ġdid (23 05) u żewġ linji baġitarji ġodda (23 05 01 – Appoġġ ta' emerġenza fl-Unjoni) u 23 01 04 03 – Appoġġ ta' emerġenza fl-Unjoni – nefqa ta' appoġġ) se jinħolqu għal dan l-għan.

- ☐ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew revizzjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega dak li huwa meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji konċernati u l-ammonti korrispondenti.

[...]

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

- Il-proposta/inizjattiva ma tipprovdix għal kofinanzjament minn partijiet terzi.
- ☒ Il-proposta/inizjattiva tipprovdix għall-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approporzjonijiet f' miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

	2016	2017	2018	2019 u s-snin ta' wara				Totali
Stati Membri	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.
TOTAL tal-approporzjonijiet kofinanzjati	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- **X** Il-proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - ☐ fuq ir-riżorsi proprji
 - **X** fuq dħul mixxellanju(dħul assenjat estern)

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprijazzjo nijiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti	Impatt tal-proposta/inizjattiva ²⁷						
		2016	2017	2018	2019 u s-snin ta' wara			
Artikolu 23 05 01	<i>Linja baġitarja għdida</i>	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.

Għad-dħul mixxellanju "assenjat", speċifika l-linja/i tan-nefqa tal-baġit affettwat/i.

23 05 01

²⁷

Fir-rigward ta' riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara tnaqqis ta' 25 % għal spejjeż ta' ġbir.